**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**Rikors guramentat nru: 62 /2016 AGV**

**DVB**

**Vs**

**JB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' DB ppremetta s-segwenti :-**

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta` ta' Awwissu tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (06.08.1999) (Dok A), u matul iz-zwieg taghhom twieled

wild wiehed, W , nhar it-tmienja ta’ Frar tas-sena elfejn (08.02.2000) (Dok B);

1. Illi z-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn, minhabba fost affarijiet ohra, ingurji, eccessi, sevizzi u anke abbandun kommess mill-intimata fuq ir-rikorrenti zewgha li waslu biex il-hajja konjugali tal-partijiet ma tibqax iktar possibbli;

2. Illi bhala stat ta’ fatt l-intimata illum tghix gewwa l-Ingilterra, flimkien mal-wild W , li perjodikament jiftiehem mar-rikorrent u jigi jzuru;

3. Illi minkejja diversi tentattivi ghal separazzjoni bonarja, minhabba l-intransigenza tal-intimata, l-esponent kellu jipprosegwi bir-rikors guramentat odjern;

4. Illi l-esponent gie awtorizzat jipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta’ digriet datat 10 ta’ Marzu 2016 (Dok C);

Tghid ghalhekk il-konvenuta, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimata, fosthom eccessi, ingurji, sevizzi, u u anke abbandun kommessi mill-mara fuq zewgha; konsegwenza ta’ liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun kongunta bejn iz-zewg partijiet;

3. Tiffissa granet u hinijiet t'access ampju, inkluz sleepovers, illi r-rikorrent ghandu jkollu versu ibnu, meta u jekk dan jigi jirrisjedi gewwa l-Gzejjer Maltin, inkluz provvediment dwar gheluq snin ir-rikorrent, gheluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-Sajf, tal-Ghid, tal-Karnival u tal-Milied. F'kaz li l-minuri jibqa' jirrisjedi gewwa l-Ingilterra, tiffissa gimghat t'access ampju, f'liema r-rikorrent ikun jista' jara lill-ibnu, meta l-Minuri jkun bil-vaganzi skolastici;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri, skont il-mezzi u l-qliegh tar-rikorrent u l-bzonnijiet tal-minuri; liema manteniment ghandu jirrifletti c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent u ta' martu;

5. Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrent;

6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta` tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tordna lill-intimata tirrimborsa lil zewgha nofs l-ghexieren ta' flejjes li hija zbankat mill-kontijiet bankarji u l-imghaxijiet tal-insurances tal-konjugi, ad insaputa tar-rikorrent, mis-sena elfejn u tlettax sakemm inbdew il-proceduri odjerni;

8. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tar-rikorrent u tassenjahom lill-istess rikorrent;

10. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrent l-beni u krediti parafernali u dotali tieghu;

11. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimata l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.**

**Rat ir-risposta guramentata ta' JZ mandarju generali ta l-imsiefra JB li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi hija taqbel mar-rikorrenti ghat-talba tas-separazzjoni personali izda dawn mhux ghar-ragunijiet premessi minnu state illi l-hatja ghandha tigi attribwita unikament lir-rikorrenti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jimponiex xi tort lil-eccipjenti ghal ksur tal-hajja mizzewga huma infondati fil-fatt u d-drittijiet u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u huwa r-rikorrenti li ghandu jinstab hati tal-firda tal-kontendenti minhabba li naqas milli jottempora ruhu mal-obbligi matrimonjali u ukoll hu hati ta' vjolenza ,swat, theddied, ingurji, sevizzi u minacci fost affarijiet ohra, li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti u t-tifel minuri kellhom jitilqu mid-dar matrimojali ghas-sigurta taghhom, u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiiet ta' Malta;

2. Tikkontesta b`mod assolut t-tieni talba stante illi hija dejjem hadet hsieb ghal-bzonnijiet tal-istess minuri li sal-lum dejjem ghex mal-esponenti gewwa l-Ingilterra filwaqt li r-rikorrenti mill-Ingilterra u gie jghix Malta. Ghalhekk l-esponenti hi l-aktar genitur idoneju sabiex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-istess minuri. Illi mhux hekk biss izda wkoll illi dejjem r-rikorrenti kien emozzjonalment abbuziv fil-konfront tal-minuri;

3. Taqbel mat-tielet talba fis-sens illi kemm il darba jirrizluta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li r-riokrrenti ghandu jkollu access u dan taht il-modalitajiet imposti minn din l-Onorabbli Qorti tenut kont ukoll li l-minuri jghix gewwa l-Ingilterra filwaqt li r-rikorrenti jghix gewwa Malta;

4. Taqbel mar-raba' talba tar-rikorrenti fis-sens illi qua genitur r-rikorrenti ghandu l-obbligu u r-responsabbilita' sabiex jmantni lill-ibnu b`mod adegwat b`dan illi jghaddi manteniment ghall-ibnu u

jipprovdi ukoll s-sahha u edukazzjoni tal-minuri ibnu illi ghaldaqstant kwalunkwe spejjez relatati mas-shha u edukazzjoni tal-minuri ghandhom jigu sopportati fi kwoti indaqs bejn il-partijiet;

5. Tikkontesta b`mod assolut il-hames talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod m`ghandha tbati xi nuqqas jew tigi imposta xi sanzjonijiet minn sehema ddebitament hekk dovut u dan ghaliex kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ir-rikorrenti huma unikament hati ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti illi in oltre a kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti u kif ser jigi hekk ippruvat hawn r-rikorrenti illi ddekadew mid-dritt ta' manteniment ghar-ragunijiet imsemmija;

6. Taqbel parzjalment mas-sitt talba, stante illi l-istess komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata izda bla ebda mod l-esponenti m`ghandha tbati xi nuqqasijiet jew tigi imposta sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni tal-akkwisti;

7. Taqbel mas-seba' talba fis-sens, illi r-rikorrenti ghandu jirrimborsa lill-esponenti nofs l-ispejjes gew zbankati mir-rikorrenti innifsu mill-kontijiet bankarji kif ukoll l-imghaxijiet tal-insurances tant illi l-esponenti giet kostretta tintavola Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tar-rikorrenti;

8. Taqbel mat-tmien u d-disa' talba tar-rikorrenti;

9. Tichad bl-aktar mod kategoriku l-ghaxar talba stante illi hjia m`ghandiex l-ebda beni u krediti parafernali tar-rikorrenti fl-pusses taghha. Fi kwalukwe kaz ghandu jkun ir-rikirrenti li jipprovdi l-

ezistenza ta' tali beni u krediti parafernali u jekk l-ezistenza ta l-assi parafernali tigi ppruvata mir-rikorrenti beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodici Civili;

10. Tikkkontesta hdax il-talba ghaliex kif ser jirrizulta mill-provi huwa propju r-rikorrenti illi huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk attrici m`ghandiex tbati l-ebda sanzjonijiet u jew dekadenzi hekk stipulat fil-Ligi ta Malta;

11. Illi l-esponenti topponi ghall-ispejjez kollha tal-kawza odjerna;

Salv eccezzjonijiet ohra.

**Kontra r-rikorrenti ingunta minn issa ghas-subizzjoni**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll li dina l-kawza miexja flimkien mal-kawza fl-ismijiet J Z noe. Vs DB Rik. Nru. 86/2016

Rat ukoll li permezz ta' rikors tal-attur data 11 ta' Frar, 2022, talab li dawn il-proceduri ta' separazzjoni jigu kkonvertiti f'talba ghall-ottjeniment ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

[1] A fol. 249 tal-process

Rat ukoll ir-Rapport Peritali ta' Dr. Richard Sladden.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-ewwel u qabel kollox dina l-Qorti qed tirrileva illi fil-mori tal-proceduri nbiddlu certu cirkostanzi li ma jirrikjedux li jkun hemm ezitu da parti ta' dina l-Qorti.

Illi primarjament, it-tifel tal-partijiet sar maggorenni u anke jahdem u ghaldaqstant m'ghadx hemm il-htiega li dina l-Qorti tippronunzja ruhha fuq it-talbiet relatati in kwantu jirrigwarda l-kura u kustodja, kif ukoll l-access u l-manteniment ghat-tifel.

Illi in kwantu jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti l-partijiet ammettew li d-dar matrimonjali u cioe' "Marbert House," Triq Sant'Antin, Mosta, inbieghet fil-mori tal-proceduri, flimkien mal-garaxx minghajr arja, minn fejn iddikjaraw li mir-rikavat tal-bejgh ser jinqata' d-dejn mal-HSBC Bank Malta plc. Bin-numru 16055385 u kwalsiasi taxxi u senseriji u l-bilanc ser jigi ddepositat il-Qorti sakemm tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u ssir id-debita likwidazzjoni.[2]

Ghaldaqstant, dina l-Qorti ser tikkunsidra biss dawk l-assi li ghad fadal li jigu xolti, likwidati u assenjati.

[2] Ara nota konguntiva tal-partijiet datat 8 ta' Gunju, 2017 a fol. 116

**Fatti**

1. L-attur jiddentifika li l-problemi magguri li kellhom fiz-zwieg, kien li l-konvenuta riditu jaqta' l-kuntatti mal-familja tieghu u kienet tghid kontrihom in kontinwazzjoni.

   Problema ohra kienet li l-konvenuta kienet tippreferi tahdem biss *part-time*, izda kellha hafna kapricci u kien jispicca hu jahdem hinijiet twal sabiex izzommhom finanzjarjament.

   Kien jahdem bix-xarabank, izda kien hemm ragunijiet li kellu jbieghu u ghalhekk ix-xoghol tieghu naqas drastikament, tant li l-konvenuta bdiet tilmenta li ma kienx qed iggib bizzejjed flus id-dar u kienet taqla' hafna glied.

   L-inkwiet taghhom zdied meta l-konvenuta baqghet tinsisti li ghandhom jemigraw lejn l-Inghilterra u fl-ahhar cedielha. Hemmhekk ghal bidu kollox mexa' harir sakemm imbaghad il-konvenuta rrifjutat li tahdem *full-time,* Kienet tilmenta li ma tantx kellha hbieb u xorta kien jirnexxielha tohrog u tonfoq il-flus meta kienu mghaffgin ghax issa kellhom anke l-kera xi jhallsu u l-hajja l-Inghilterra kienet iktar gholja.

   Is-sitwazzjoni bejniethom baqghet sejra ghall-aghar u habta u sabta, il-konvenuta kienet infurmat lill-attur li kienet ser titilqu u l-attur jinsisti li dan kollu kien ippjanat ghaliex kienet telqet mill-ewwel u t-tifel kien ikun hafna mieghu. Il-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali u kienet baqghet toqghod fl-istess belt. Wara li telqet kien baqa'

jghaddilha £100 Lira Sterlina fix-xahar bhala manteniment ghat-tifel u spejjes ohra tieghu. It-tifel kien iqatta’ xi granet mieghu ukoll.

Jikkonferma li ghalkemm it-tifel ghandu 21 sena meta kien qed jixhed kien ugwalment ighatih €200 Ewro fix-xahar minn jeddu.

L-attur ikompli jispjega li xi tlett gimghat wara nfirdu kien ircieva telefonata minghand l-HSBC fejn infurmawh li l-loans ma setghux jibqghu jigu saldati mill-kontijiet bankarji li kellhom u dan minhabba li ma kienx fadal fondi fil-kontijiet bankarji. Jispjega li qabel ma telqu mill-Inghilterra kien halla €15,000 f’kont kongunt apposta sabiex il-loan jibqa’ jithallas minn hemm. Kienu anke ftehmu li d-dar matrimonjali tinkera u r-ripagamenti tal-loan jithallsu minn hemm u kellu jiehu hsiebha missier il-konvenuta, li fil-fatt kellu l-credit cards taghhom.

L-attur ikompli jispjega li kien gie Malta sabiex jivverifika x’kien qed jigri u rrizulta li l-konvenuta kienet gibdet il-flus li kellhom il-bank, filwaqt li missierha ma kompliex jiddeposita l-kera u ghalhekk il-*monthly repayments* ma kinux qed jigu koperti. Jikkonferma li l-bank kienu anke kkomunikaw mal-konvenuta li kienet qaltilhom li ma kellha l-ebda interess f’dawn il-kwistjonijiet. Ighid ukoll li waqt li kienu l-Inghilterra kienet ingibdet is-somma totali ta’ €18, 232 mill-ATM u dan meta missier il-konvenuta kellu access ghalihom biss.

Minn dakinhar iddecieda li jipprocedi bi separazzjoni bonarja, izda nqalghu l-intoppi fuq il-bejgh tad-dar matrimonjali u sadanittant l-attur jikkonferma li kien hallas arretrati ta’ ripagamenti fl-ammont ta’ €1,600, hallas l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma, kontijiet tat-

Taxxi Interni u ghamel xi tiswijiet fil-fond sabiex tkun tista' tinkera peress li l-kerrejja kienu kkagunaw xi hsarat.

Missier il-konvenuta kien irrifonda biss l-ammont ta' €2,400 minn ammont ta' €4,630, flus li kien zamm mill-kera.

In kontro-ezami, l-attur jikkontendi li qabel ma ltaqa' mal-konvenuta kien jahdem bhala xufier tal-karozzi tal-linja u kellu paga ta' xi Lm600 Liri Maltin kull gimaghtejn u l-iktar li kien ircieva kien Lm1,100 Liri Maltin kull gimaghatejn. Il-vettura tieghu kienet dik li ggib in-numru ta' registrazzjoni DBY 392 li kien akkwista minghand missieru ghall-valur ta' Lm1,600 Liri Maltin, u dan kien xi sentejn qabel ma' ltaqa' mal-konvenuta.

Rigward il-karozza tal-linja li ggib in-numru EBY 640 ighid li din kienet ta' missieru u jinnega li kien xtrah minghandu ghall-valur ta' LM27,000 Liri Maltin.

Jikkonferma ukoll li bhala koppja kienu hadu zewg loans, wiehed kien *personal loan* li ttiehed sabiex xtara vettura Golf ghall-konvenuta u parti mil-loan uzah sabiex jirranga l-karozza tal-linja li kien xtara u cioe' DBY 392 ghax kellu spejjez gholjin.

Jispjega li meta bieghu d-dar matrimonjali kienu hallsu l-loans kollha. Jispjega li kien ceda li jmorru jghixu l-Inghilterra ghaliex kienet il-konvenuta li gennitu. Hemmhekk ighid li kien xtara zewg vetturi Ford Focus tal-2004 u Volkswagen Passat tal-2005 bin-numru ta' registrazzjoni WYL 820.

Jikkonferma li meta gie lura Malta kien gab il-Passat biss, filwaqt li Ford taha lill-gara peress li kellu debitu maghha ta’ £1,000 Sterlina.

Jikkonferma ukoll in kontro-ezami li kien ha l-Lm50,000 Liri Maltin li kienu investew mal-Mediterranean Bank u jghid li dan kien sabiex ihallas id-dejn li kienet ghamlet il-konvenuta konsistenti f’loans mal-HSBC. Ighid li kien pogga l-Lm50,000 f’kont f’ismu mal-Bank of Valletta. Kien hallas il-loans kif ukoll it-taxxa u dan peress li l-konvenuta kienet ghamlet mandat ta’ sekwestru. Jinnega li ha €20,000 Ewro mis-somma ta’ €50,000 biex jixtri vettura, izda kien gibidhom biex ihallas id-dejn.

Kien jigbed regolarment €500 sabiex ihallas id-dejn ta’ martu.

Ighid li kien gibed ukoll is-somma ta’ €10,022.05 u €5,115.39 biex jinvestihom ma’ broker l-Inghilterra izda kien hela ta’ flus ghax irrizulta li kien frodi.

Jikkonferma li kienet saret skrittura datata 27 ta’ Frar, 2007.

In kontro-ezami jishaq li l-incident tal-karozza fejn spiccat irrappurtatu l-konvenuta ma kienx minhabba li kien qed jippersegwitaha, izda minhabba argument li kellhom peress li l-konvenuta riedet tmur tara xi tlielaq taz-zwiemel u riedet thalli lit-tifel wahdu.

Jikkonferma ukoll li meta gie lura Malta kien kera d-dar ghall-ammont ta’ €600 fix-xahar. Jikkonferma li prezentement qieghed

f'relazzjoni ma' GF u dina r-relazzjoni bdiet wara li gie Malta. Jikkonferma ukoll trasferiment lil GF fl-ammont ta' €184.[3]

2. Il-konvenuta tghid li mill-bidu tar-relazzjoni taghhom l-attur kien dominanti, possessiv u kien jikkontrollaha f'kollox. Kien jippretendi li ghandha taghmel dak li jghid hu u jekk le kien jaghmel xenata u ghalhekk dejjem hasset li kellha tbaxxi rasha.

   Wara li zzewwgu tghid li ghamlu zmien fejn kollox mexa' harir, sakemm it-tifel kellu sentejn, meta l-attur kien beda johrog u jdum ma jigi lura. Meta ppruvat tigibdlu l-attenzjoni kien sar aggressiv u ma kinitx irrapportatu lill-pulizija ghax baqghet tispera li kien ser ibiddel l-atteggjament tieghu.

   Kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn l-attur kien sawwatha u l-konvenuta ssemmi diversi incidenti. Kien ukoll jixtri jew jaghmel affarijiet minghajr ma kien jikkonsulta maghha bhal meta xtara *jet ski*.

   Il-konvenuta tispjega li hi u t-tifel kienu jibzghu hafna mill-attur u tant kien iheddidha, ighajjarha u anke jsawwatha li spiccat kienet temmen li hija mara hazina u mignuna, tant li lanqas kienet tiftah qalbha ma' haddiehor.

   In kontro-ezami tikkonferma li meta l-attur kien jahdem bix-xarabank kien jahdem sieghat twal u finanzjarjament kienu tajbin u komdi.

---

[3] Dok. NM 14

Anke meta finanzjarjament ma kinux sejrin tajjeb xorta wahda kienet tahdem *part-time* ghaliex minn dejjem kienet tahdem bhala *cleaner.*

Problema ohra kienet l-infedelta' tal-attur, tant li kienet qabditu jibghat messaggi lil  GF, li prezentement qieghed f'relazzjoni maghha u kellu anke tarbija minghandha. Kienet semghet ukoll li kien hemm diversi nisa ohra qabel, ghalkemm ma kinitx temminhom ghal bidu.

F'Jannar 2013, il-konvenuta tispjega li kienu marru jghixu l-Inghilterra u tghid li ghall-ewwel seba' xhur kollox kien miexi harir, izda xorta l-attur baqa' in kuntatt ma' dina G . Ir-raguni ghalfejn kienu telqu kien minhabba li meta l-attur biegh il-karozza tal-linja ma kellux paga tajba meta beda jahdem mal-Arriva u peress li l-pagi kienu differenti kienu qed jsibuha difficli sabiex ilahhqu.

Tispjega li meta marru l-Inghilterra kienet tahdem bhala hajjata u dan sakemm damet mal-attur ghaliex imbaghad bdiet tipprova tfittex *full-time job.*

It-theddid pero' baqa' sakemm damu jghixu l-Inghilterra, izda qatt ma kien sawwatha, imma kien hemm diversi incidenti fejn kien aggressiv.

Il-konvenuta tikkonferma li kienet telqet mid-dar f'Marzu, 2014, flimkien mat-tifel u dan meta l-attur beda jallega li kienet qed tonfoq wisq flus. Kien hadilha l-visa u kienet marret tghix go *studio flat* mat-tifel, dejjem l-Inghilterra. Tammetti in kontro-ezami li kienet zbankat xi flus u dawn kienu marru sabiex jithallsu l-affarijiet relatati mal-loan

tad-dar. Il-flus kienet tehodhom permezz ta' transfers ta' flus bl-*internet banking*. Pero' tinnega li hi kienet batlet il-kont bankarju u jekk hadet xi flus dan kien sabiex tghijex lit-tifel.

Il-konvenuta ssemmi ukoll l-incident li sehh fl-10 ta' Marzu, 2015 fejn l-attur beda jsegwiha bil-karozza u ried li jiehu lit-tifel, sakemm l-incident wasal li l-attur ried jipprova jweggaghha, tant li kien hemm mara li rikbithom fil-karozza taghha u hadet lill-konvenuta u binha ghand il-pulizija. Dakinhar stess l-attur gie arrestat mill-pulizija, inghata l-liberta' provisorja u nghatatlu garanzija biex ma jersaqx lejhom, izda ftit jiem wara t-tifel minuri kien qed jibza' minn missieru u talabha sabiex jerga' jaghmel kuntatt mieghu. Kienet ghalhekk talbet lill-pulizija sabiex iwaqqfu dina l-kundizzjoni sabiex it-tifel seta' jerga' jara lil missieru.

Tghid ukoll li l-attur fetah il-proceduri ta' separazzjoni Malta u kien irritorna lura ghall-habta ta' Lulju, 2015 u kien instab hati mill-Qrati tal-Inghilterra u mmultat.

In kontro-ezami, il-konvenuta tikkonferma li prezentement u lanqas fil-passat ma kienet f'relazzjoni.

Tikkonferma ukoll li missierha kienu tawh prokura bi qbil bejniethom sabiex jiehu hsieb l-affarijiet u l-post taghhom hawn Malta, kif ukoll tikkonferma li kellu card tal-bank sabiex jiddeposita l-flus taghhom. Tikkonferma ukoll li missierha ma kienx qed jiddeposita l-ammont ta' flus tal-kirijiet u dan kien meta nizlet Malta hi u kienet talbet lill-missierha jghaddilha l-kera u kien taha €400 mill-€500 li kien gabar

u l-istess kien ghamel l-attur meta gie Malta u talab lil missierha sabiex itih renta ta' xahrejn u €100 li kien fadal u tah €1,100.

In kontro-ezami tikkonferma li dan kien biss l-ammont li missierha ma kienx iddeposita l-bank, ghaliex imbaghad l-attur kien gie Malta u kien beda jiehu hsieb il-kera hu u missierha ma baqax jigbor iktar flus. In kontro-ezami tikkonferma li kien dan iz-zmien u cioe' wara Ottubru, 2014, meta l-attur beda jiehu hsieb il-kera li bdew il-problemi mal-bank.

Tikkonferma ukoll li l-problemi fejn waqqghu lura kien mal-Bank u mhux fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma u lanqas taxxa.

Tinnega li wara ittra ufficjali li kienet intbaghtet minn missierha lil attur, missierha kien iddeposita fil-kont tieghu tal-loan account €2400. Dawn il-flus missierha kien tahomlu sabiex jixtri l-parts.

Dwar flus li kienu hallew iddepositati fil-bank hawn Malta qabel ma marru l-Inghilterra tikkonferma li kien hemm €8,000 u kienet gibdet ammonti zghar mhux bhall-attur li kien ha €50,000.

Izzid tghid ukoll li l-attur kellu kont tal-Visa pendenti.

**<u>Manteniment</u>**

Il-konvenuta tikkonferma li hija tahdem b'paga minima ta' circa £820 kull erba' gimghat u tircievi ukoll beneficcji ta' circa £708.50 fix-xahar u ghalhekk tircievi s-somma komplessiva ta' £1,528.50. Madanakollu tispjega li ghandha diversi spejjes xi thallas kemm

ghaliha kif ukoll ghat-tifel kif ukoll spejjes relatati mal-appartament. Bhala kera thallas £575 sterlina u issa £600 sterlina.

Tghid li ghal bidu kien jaghtiha £100 sterlina, izda mbaghad kien heddidha sabiex tirtira l-applikazzjoni.

Izzid tghid li tircievi £414 sterlina fix-xahar bhala beneficcji, £82 sterlina ta' *child benefits* u paga ta' £820 sterlina kull erba' gimghat b'kollox circa bejn £1,200 u £1,300 fix-xahar u bhala spejjes ghandha circa £900.

Tghid li thoss li ghandha dritt titlob manteniment minghand l-attur peress li huwa hati tat-tifrik taz-zwieg u kien halliha wahedha trabbi tifel.

Tghid li bhala kera tal-post l-Inghilterra thallas £648.91 fix-xahar.

**Dar Matrimonjali**

Il-konvenuta tikkonferma li fil-mori tal-kawza kienu bieghu d-dar matrimonjali ghall-valur ta' €235,000 lil Johan Schembri u Graziella Schembri fis-27 ta' Lulju, 2017 u dakinhar ukoll kienu ffirmaw skrittura privata fejn qablu x'ghandu jigri mill-flus li hadu mill-bejgh tad-dar

**Komunjoni tal-Akkwisti**

**Flejjes**

Il-konvenuta tinsisti li l-kontijet bankarji ghandhom jinghalqu u l-bilanci li jifdal ghandhom jinqassmu bejniethom. Tghid li l-attur kien gibed diversi flejjes li kellhom f'isimhom. Kien hemm kont ta' Visa li gie maghluq mill-attur wara li kienet telqet mid-dar.

Il-konvenuta tispjega ukoll li kellhom xi flejjes investiti mal-Mediterranean Bank plc fejn recentement kienu nfurmawha li kien hemm l-ammont ta' €50,000 f'isimhom it-tnejn li kien immatura u ghalhekk kien gie ddepositat f'kont bankarju f'isem l-attur. Peress li l-attur kien oppona li dawn il-flus jinqasmu kellha tintavola mandat ta' sekwestru (numru 100/16) u rrizulta li f'dan il-kont kien hemm biss is-somma ta' €6,375.38. Mill-istatement kienet anke ndunat li l-attur kien gibed l-imghaxijiet minn dina l-polza u kien hemm okkazzjonijiet fejn kien anke poggihom f'isem il-partner tieghu GF fl-ammont ta' circa €184.

**Karozzi**

i) Peugoet 407 – kien xtrahilha missierha wara li kienet telqet mid-dar fl-ammont ta' £1,700;
ii) Ford Focus – nxtrat f'isem l-attur fl-ammont ta' €2,650 u peress li l-attur kellu d-dejn mal-gara taghhom l-Inghilterra, kien taha l-vettura biex jaqta' d-dejn.
iii) Volkswagen Passat – nxtrat mill-attur ghall-ammont ta' €3,400;
iv) Truck – nxtara mill-attur u qed juzaha u hemm loan fuq l-istess vettura mal-HSBC ( Acc. No. 18030327).

Il-konvenuta tispjega li meta xtraw it-truck EBY 640 minghand missier l-attur, kienu hallsuh Lm20,000. Fid-29 ta' Marzu, 2007 kienu hadu loan mill-HSBC (kont numru 108303327) fl-ammont ta' Lm10,000, li minnhom kienu hallsu Lm7,000 lil missier l-attur u bil-bilanc ta' Lm3,000, l-attur kien xtara Volkswagen Golf ghall-habta ta' Settembru, 2007. Sussegwentement kienu bieghu dina l-karozza ghall-valur ta' €8,000 cash qabel ma telqu jghixu l-Inghilterra.

Il-konvenuta tispjega li meta marru joqoghdu l-Inghilterra kienu juzaw il-flus li kellha fil-kont bankarju taghha biex ihallsu r-renta u jixtru xi oggetti ghall-appartament. Tghid ukoll li l-karozzi li kienu juzaw l-Inghilterra kienu xtrawhom mill-flus li kellha f'isimha kif ukoll mill-kont li kellhom joint.

Tispjega ukoll li meta fl-2008, il-Gvern kien informa l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku li x-xarabankijiet kienu ha jinxtraw mill-Gvern u jinghataw kumpens, l-attur kien infurmah li kien miftiehem ma' missieru li jergghu jbieghlu t-trukk u fil-fatt f'Lulju, 2008 ghamlu kuntratt ma' missier l-attur li qed jergghu jaghtuh lura t-trukk. Izzid tghid li l-attur kien anke ftehem ma' missieru li meta jiehu somma mill-Gvern jaghtina xi flus minnhom, izda dan ma avverax ruhu anke jekk missieru kien ha l-flus u l-attur kien irrabbjat.

Dwar ix-xarabankijiet, il-konvenuta tishaq li kien hemm tnejn l-EBY 640 u DBY-392. Tikkonferma li dawn kienu ttiehdu mill-Gvern u kienu nghataw kumpens fl-ammont ta' €115,000 ghall-ewwel xarabank, kif ukoll €103,000 ghat-tieni wahda rispettivament. Dwar tal-DBY 392 tghid li kienu rcevew tlett cekkijiet: €50,000 kienu

ddepositawhom il-Mediterranean Bank, €16,000 l-attur kien qallha sabiex tiddepositahom f'kont f'isimha, u kien baqa' €9,000 li ddepositawh fil-kont *joint* taghhom, flimkien mat-tielet cekk.

Dwar it-tieni truck tghid li dawn il-flus kien hadhom missier l-attur u ma tafx x'kien sar minnhom.

Il-konvenuta qed tippretendi li tinghata sehemha mill-karozza Ford Focus u Volkswagen Passat, filwaqt li l-loan tat-truck jigi assunt fl-intier tieghu.

**<u>Assi Parafernali</u>**

Il-konvenuta tikkonferma li l-attur kien kiteb tramite l-avukat tieghu li t-truck bin-numru ta' registrazzjoni DBY 392 kien inxtara minnu qabel iz-zwieg fis-17 ta' Ottubru, 1997 fl-ammont ta' Lm8,000 (circa €18, 635,01) u dan kien inbiegh fiz-zwieg fl-ammont ta' €103,000 lil Transport Malta.

Tghid ukoll li parti mill-vann kien thallas qabel iz-zwieg u l-bqija circa Lm5,000 thallsu mill-flus illi qalghu fit-tieg. Fl-2016, il-konvenuta tikkonferma li kienet irceviet telefonata minghand il-Mediterranean Bank fejn kienu nfurmawha li l-attur kien insista maghhom li l-ammont ta' €50,000 li kellhom investiti maghhom, kellhom jigu ddepositati f'kont bankarju u kien imbaghad iddepositahom hu. Kien ghalhekk li wara li hadet parir minghand l-avukata taghha kienet ipprezentat mandat ta' sekwestru u dan kien ghall-habta ta' April, 2016, izda ftit wara missierha kien ircieva karta mill-Qorti fejn

infurmawh li kienu gew depozitati biss €6,375.38[4] peress li l-attur kien lahaq gibed il-flus.

3. **Joanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li jirrizulta li hemm kont wiehed f'isem l-attur, kont savings li nfetah fl-1992 u ghadu miftuh.[5]

4. **Alison Mifsud Brimmer**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li mir-ricerka jirrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

a) **<u>F'isem l-attur</u>**

i) Current account 068037290001 li ghadu miftuh[6]

ii) HSBC Advanced Visa Account 4035710000622022 li ghadu miftuh. Il-konvenuta kellha supplementary card li ghadu attiv.[7]

**b) <u>F'isem il-konvenuta</u>**

i) Current account 061289088001[8]

ii) Savings account u fit-13 ta' Jannar, 2011 sar depozitu ta' €18, 540. Tghid ukoll li kien hemm depozitu iehor ta' €7490 kif ukoll Central Bank cekk ta' €1049.23.[9]

**c) <u>Kongunti</u>**

i) Kont numru 068049071001 u ghadu miftuh[10]

---

[4] Dok. H a fol. 218
[5] Dok. JB 1
[6] Dok. AMB 1 kif ukoll updated fix-xhieda tas-6 ta' Frar , 2018 a fol. 171
[7] Dok. AMB 2
[8] Dok. AMB 3
[9] Dok. AMB 4
[10] Dok. AMB 5

ii) Savings account 068049071050 u ghadu miftuh[11]

iii) Loan account 10830327 u kien ghad hemm bilanc ta' €15,127.51[12]

iv) Loan account 16055385 u ghadu miftuh[13]

Tikkonferma li ma kienx hemm prokuri fuq l-accounts 061289088001 u fuq il-kont 068032705050 li kienu f'isem il-konvenuta. Fuq il-kont 5887000010499744 kien hemm *quick cash card* f'isem il-konvenuta.

Ipprezentat ukoll diversi kopji ta' cekkijiet,[14] kif ukoll vawcer, fejn il-kont bankarju gie debitat b'€577.99 u fl-istess gurnata kien hemm entrata ohra fl-ammont ta' €3.50[15]. Ipprezentat ukoll deposit tar-*re-purchase* ta' *bank draft*,[16] kif ukoll id-deposit kif ukoll il-kontraenti tac-cekk.[17]

Tispjega ukoll li dwar il-kont 4035710000622022 kien hemm supplementary card f'isem il-konvenuta. Tikkonferma ukoll li l-Visa card tal-attur fuq l-istess kont gie mwaqqaf fit-28 ta' April, 2015 u probabilment minhabba li kien hemm xi pagamenti li jkunu waqghu lura. Is-supplementary card giet imwaqqfa fl-istess gurnata, pero' l-kont referibbli ghal dawn il-cards ghadu jezsisti u hemm bilanc ta' €862 li jinkludi interessi u charges.

Tikkonferma ukoll li sabiex jinghalaq il-kont irid jithallas kollox u l-konvenuta tkun tista' thallas ukoll.

[11] Dok. AMB 6
[12] Dok. AMB 7
[13] Dok. AMB 8
[14] Dok. AMB9 – AMB 16
[15] Dok. AMB 17-AMB 18
[16] Dok. AMB 19
[17] Dok. AMB 20 – AMB 22

7. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li dwar beneficcji socjali jghid li l-attur ma ha xejn ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.

Il-konvenuta rceviet ic-childrens allowance mis-sena 2008 sallum.[18] Kien hemm over-payment li ntalbet lura mill-konvenuta u dan jirrapprezenta childrens allowance mhallas xejjed fil-perjodu bejn is-6 ta' April, 2013 u l-4 ta' Lulju, 2014 u dan gie mhallas lura fl-2014.L-ircevuta tal-hlas tal-overpayment inharget fis-16 ta' April, 2014.

5. **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-Employment history tal-partijiet.[19] Jikkonferma li l-konvenuta qatt ma rregistrat ghax-xoghol u prezentement ma tidhirx li hija mpjegata u jirrizulta li l-ahhar li hadmet Malta kien fl-1 ta' Ottubru, 2012.

6. **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta li kien hemm tlett vetturi rregistrati fuq l-attur.[20] Fil-passat jirrizulta li kellu tmien vetturi rregistrati fuq ismu.[21] Hemm wahda minnhom li hija rregistrata fit-triq Volkswagen Passat bin-numru ta' registrazzjoni WYL 820.

   Ipprezentat ukoll informazzjoni dwar il-licenzja tal-attur ta' xufier tal-karozzi tal-linja.[22] Bhala informazzjoni dwar kumpens ghax-xufiera li kienu spiccaw bhala xufiera qabel ma dahlet l-Arriva pprezentat il-

[18] Dok. ST 1
[19] Doks. JS 1 – JS 4, Doks JS 5 – JS 6
[20] Dok. KC 1
[21] Dok. KC 2
[22] Dok. KC 5

kuntratt dtata 28 ta' Jannar, 2010.[23] L-attur kien ghazel l-offerta B skond l-istess kuntratt. Il-kumpens kien inghata sabiex jirtira l-licenzja u jittrasferixxi l-karozza tal-linja li kellu lill-Awtorita' ghat-Trasport. Fl-istess kuntratt tikkonferma li kien hemm specifikat li jekk l-irtirar tal-licenzji jsir wara l-1 ta' Marzu, 2011 minn dakinhar kellhom jibdew jiddekorru interessi fuq il-bilanc dovut lill-attur bir-rata ta 1.5% fuq il-base rate tal-Bank Centrali.

Dwar il-konvenuta tikkonferma li fil-prezenta m'ghandha ebda vettura rregistrata fuq isimiha, filwaqt li fil-passat kellha zewg vetturi.[24]

7. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta dokumentazzjoni li jindika c-cekkijiet li nhargu favur l-attur fis-somma ta' €103,000 flimkien ma' xi interessi minghand Transport Malta in konnessjoni mal-ftehim li kien intlahaq mal-Bus DBY 392.[25]

   Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar vetturi f'isem l-attur prezentement u dawk li kellu rregistrati fuq ismu fil-passat.[26]

   Dwar il-vettura Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni WYL 820 ighid li giet irregistrata fuq l-attur fit-30 ta' Ottubru, 2015.

   Dwar ix-xarabank DBY 392 ighid li qabel ma giet irregistrata fuq l-attur, kienet irregistrata fuq FB .[27]

[23] Dok. KC 6
[24] Doks KC 3 – KC 4
[25] Dok. SC 1
[26] Doks. SC1 u SC 2
[27] Dok. AA 1

Dwar xarabank EBY 640 jirrizulta li dina kienet irregistrata fuq DM B bejn il-25 ta' Novebru, 2003 u l-4 ta' Ottubru, 2011. Wara dina d-data, ix-xarabank gie ittrasferit lil Transport Malta.[28]

Ipprezenta ukoll kopja ta' kuntratt bejn l-attur u l-Awtorita' datat 28 ta' Jannar, 2010 fejn jirrizulta li l-attur kien ha offerta C u cioe' ha s-somma ta' €123,000.[29]

8. **Charlene Incorvaja**, ghan-nom ta' Malta Public Transport ipprezentat kopja tal-kuntratt li kellu l-attur sakemm dam jahdem maghhom, kif ukoll l-FS 3 fejn kien jahdem maghhom bhala xufier sal-31 ta' Dicembru, 2012.[30]

9. **FB** , omm l-attur tghid li binha kien habbrieki hafna u kien jahdem ma' missieru li kellu xarabank, izda mbaghad iddecieda sabiex jixtri wiehed mix-xarabank ta' missieru u beda jahdem bih.

Tghid li l-konvenuta ma tantx kienet igibhom mill-bidu nett, izda xorta wahda wara l-*honeymoon,* kienu ghamlu xi tmien xhur ighixu maghhom, izda wara li twieled it-tifel W , kienet iddecidiet li trid tmur tghix mal-genituri taghha u hekk ghamlu.

Peress li kellhom post il-Mellieha, kienu ddecidew li jirrangawh sabiex il-partijiet u binhom imorru jghixu hemmhekk, izda l-konvenuta ma kinitx rispettuza lejhom u anke meta kienet tmur izurha ma kinitx tifthilha anke jekk kemm il-darba ftit minuti qabel

[28] Dok. AA 2
[29] Dok. AA3
[30] Doks. CI 1 – CI 28

tkun ratha barra u biex armaw il-post ghamlu kollox u kkuntentaw lill-konvenuta bl-ghazliet taghha.

Meta kienu jistiednu lill-familja fil-*boathouse* taghhom Santa Maria, il-konvenuta dejjem kienet tipprova taqla' l-inkwiet specjalment bejn l-attur u ohtu D , billi taghwih kontrihom u li ma jiehdux hsieb lin-neputi W , kif jiehdu hsieb ulied D .

Wara seba' snin li damu jghixu f'dan il-post, l-attur kien talabha biex jaghmluha ta' garanti ghax xtaqu jixtru post il-Mosta. Kienu disposti li jghinuhom anke jekk il-konvenuta kienet ma tapprezza xejn li jaghmlu. L-istess qatt ma rringrazzjathom talli kienu jhallu lill-attur jipparkja l-karozza tal-linja fil-garaxx taghhom il-Mellieha u dan minghajr interessi u qatt ma talbuh kera.

Kienet anke qaltilhom li ser jemigraw lejn l-Inghilterra ftit jiem qabel ma telqu u saret taf li kienu ser jikru l-post u missierha kien ser jiehu hsieb il-kera. Ir-raguni li tatha ghall-emigrazzjoni kienet li kien difficli ghaliha sabiex issib xoghol. Wara telqu tispjega li kienu jigu xi kultant, izda iktar kienu jqattghu hin ghand ommha.

Tispjega ukoll li minkejja li missier il-konvenuta suppost kien qed jiehu hsieb il-kera ma kienx qed ihallas il-loan tal-partijiet bihom kif kienu ftehmu. L-istess missier tal-konvenuta kien cemplilhom sabiex jinfurmahom li ma kienx hemm iktar flus fil-bank sabiex jithallas il-loan. Tghid li zewgha kien qallu li dan ma kienx possibbli peress li kien jaf bhala fatt li l-attur kien halla xi flus. Konsegwentement il-bank beda jigri warajhom peress li kienu dahlu garanti.

Kien ghalhekk li kienu cemplu lill-attur li ddecieda li jinzel lura Malta sabiex jara x'kien qed jigri u rrizulta li missier il-konvenuta kien qed idahhal il-flus tal-loan gol-but u kien anke pprofitta ruhu u mlew il-garaxx tad-dar tal-partijiet bl-affarijiet tieghu.

7. **DV** , oht l-attur tghid li qabel ma zzewwgu l-partijiet, huha dejjem kien jahdem bhala *bus- driver* ma' missieru u mbaghad kien xtara l-bus minghand missierhom.

Tghid li ghall-bidu taz-zwieg taghhom kienet tiltaqa' maghhom, izda maz-zmien bdiet tinduna li l-konvenuta kienet dejjem bi hsiebha taqla' l-inkwiet bejniethom u meta kienu jiltaqghu ghand ommhom dejjem kienu jispiccaw jillitikaw. Tghid ukoll li l-konvenuta ma kinitx tkun trid li uliedhom bhala kugini jilghabu flimkien. Tghid li l-attur ma tantx kien jitkellem maghha dwar il-problemi fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta peress ma tantx kienu jiltaqghu u kienet timlih kontrihom.

Tghid li mbaghad saret taf minghand il-genituri taghhom li l-partijiet kienu ser jemigraw lejn l-Inghilterra u minn dak iz-zmien, il-kuntatt bejniethom kien illimitat hafna . Tikkonferma biss li kienet taf li kienu krew il-post li kellhom u missier il-konvenuta kien jiehu hsieb li jigbor il-kera.

**8.** **DMB** , missier l-attur itenni li l-attur kien jahdem mieghu b'tal-linja u meta kien ghadu guvni kien bieghlu karozza tal-linja. Ighid mill-bidu kien induna li l-konvenuta ma tantx kienet iggibhom u dejjem kienet tipprova ggelled lill-attur ma' ohtu D . Saru jafu li l-partijiet kienu ser jemigraw lejn l-Inghilterra qrib il-gurnata li kienu ser jitilqu

u jghid li ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn telqu. Ighid ukoll li n-neputi W huwa in kuntatt maghhom minkejja li jghix l-Inghilterra.

Fuq l-iskrittura (Dok. C) ighid li kien sar il-kuntratt, izda l-attur ma kienx tah il-flus u ghalhekk kien ha x-xarabank lura. Jikkonferma li t-trasferiment tax-xarabank qatt ma kien sar. Meta l-Gvern ha x-xarabank kien ircieva l-flus u mhux l-attur. Jikkonferma fil-fatt li kien ircieva l-ammont ta' €123,000 bhala kumpens minghand Transport Malta ghal dan ix-xarabank.

**9.** **J Z** missier il-konvenut jispjega li qatt ma kien induna li kien hemm xi problemi bejn il-partijiet sakemm damu gharajjes. Ighid li kien beda jinduna li seta' kien hemm xi problemi wara z-zwieg, meta l-partijiet riedu jixtru l-art fejn xtaqu jibnu d-dar matrimonjali u cioe' "Cardale, " Triq Sant'Antin Abbati, Mosta. Il-konvenuta kienet qaltlu li l-genituri tal-attur ma ridux ighinuhom biex ihallsu depozitu fuq l-istess post u ghalhekk kien offra u kien tahom Lm5000.

Kien cert li kien hemm l-inkwiet meta t-tifel W , li dak iz-zmien kellu disa' snin kien cempillu u minn lehnu kien induna li t-tifel kien inkwietat ghax bil-kemm seta' jitkellem. Mar id-dar tal-partijiet u hemm sab lill-konvenuta tibki u b'xagharha mqanfed. Kien hawn li qallha li l-attur kien refa' idejh fuqha. Kien intervjena u qal lill-attur jekk ma kienx kuntent ma kellux dritt jerfa' idejh fuq il-konvenuta, izda kellu jitlaqa'.

Jishaq li meta l-partijiet telqu lejn l-Inghilterra kienu tawh prokura sabiex ikun jista' jiehu hsieb id-dar matrimonjali. Ghalhekk kien

jigbor il-kera kull xahar u l-flus tad-dawl u ilma u kien jitfa' l-flus tal-kera l-bank sabiex jithallsu l-loans li l-partijiet kellhom f'isimhom. Il-kerrej R G ien ighaddilu l-kera fl-ammont ta' €500 fix-xahar. Jinsisti li qatt ma kellu permess sabiex jigbed flus mill-kont taghhom il-bank. Meta kien ikun hemm bzonn li jsir manutenzjoni fil-post, il-partijiet kienu jghidulu biex jiehu l-flus mill-kera u meta l-attur kien jigi Malta kien jitolbu sabiex ighaddili xi flus mill-kera u gieli anke ha 'l fuq minn €350. Kien anke talbu sabiex ihallslu multa mill-flus tal-kera u minhabba f'dawn ic-cirkostanzi gieli kien hemm okkazzjonijijiet li ma kien ikun hemm bizzejjed flus sabiex jithallas il-loan u xorta l-attur kien jinsisti li jiehu l-flus.

Ikompli jispjega li ibnu CZ kien talab lill-attur jixtrilu xi parts tal-karozza mill-Inghilterra u l-attur kien talabhom €4,600 sabiex jixtri dawn il-parts u wara li rcevihom kien qalilhom li kienu qamu €1,700, izda qatt ma raw ircevuti u lanqas qatt ma baghtilhom id-differenza tal-flus. Il-konvenuta kienet qaltlu li kienet sabet ircevuta li kienet tghid li gew jiswew €1,300, ghalhekk kien informa lill-attur li kien ser jiehu l-flus mill-flus tal-kera. Peress li bdew is-separazzjoni, l-attur kien fittxu ghal dawn il-flus u sabiex ma jaqlax inkwiet kien pogga dawn il-flus fil-bank.

Kienet il-konvenuta li kienet imbaghad qaltlu li kienet telqet lill-attur, izda kien baqa' jghix l-Inghilterra. Kien tela' hdejha u kien ipprova jitkellem mal-attur li rrifjuta li jitkellem dwar is-sitwazzjoni ta' bejniethom.

Kien wara li sehh incident l-Inghilterra, fejn l-attur beda jsegwi lill-konvenuta li kellha tirrappurtah lill-pulizija, li rritorna lura Malta u

talbu sabiex jirritornalu c-cwievet tad-dar matrimonjali u kien induna ukoll li l-attur kien nehha s-sinjal "For Sale" li kien pogga. Ighid li gieli kien jara xi nies, izda ma kienx jaf kinux qed jikru.

Meta fl-ahhar bieghu l-post u l-konvneuta kienet giet Malta kien mar maghha u d-dar kienet tinstab fi stat hazin u mahmug, tant li mar maghha sabiex inaddfu l-garaxx u l-bitha.

Izid ighid li meta t-tifel W jigi Malta dejjem imur izurhom, kif ukoll lill-attur.

**10.** **PZ ,** omm il-konvenuta tikkonferma li kien hemm diversi incidenti fejn l-attur kien aggressiv u kien hemm episodju fejn kien anke refa' idejh fuqha.

Ikkonfermat ukoll li l-attur kien talab lil zewgha sabiex jiehu hsieb il-kirja tad-dar matrimonjali u jiddepositaha l-bank fil-kontijiet bankarji sabiex jithallas il-loan li kellhom. Kienet taf ukoll li kien hemm xi erba' darbiet meta l-attur kien talab lil zewgha sabiex taghtih il-kera.

Tikkonferma ukoll il-verzjoni ta' zewgha dwar il-hlas li tah binha lill-attur ghall-akkwist ta' *spare parts* u li ma kienx tahom il-flus kollha lura. Tikkonferma ukoll li zewgha kellu jitla' l-Inghilterra wara l-incident fejn l-attur beda jsewgi lill-konvenuta u spiccat li kellha tirrappurtah lill-pulizija.

**11.** **CRZ ,** hu l-konvenuta jghid li ohtu kienet tiftah qalbha mieghu u ma' martu dwar li l-argumenti li kien ikollha mal-attur.

Isemmi li darba minnhom kienu ghandhom joqoghdu l-Mellieha u wara li telqu l-attur kien cempillu sabiex jerga' lura peress li kien daqtejn lill-konvenuta.

Izzid ighid li kien jahdem bhala mekkanik ma' missieru u kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn kienu marru xi nies jilmentaw li l-attur ma kienx hallashom ghax-xoghol li kienu ghamlulu.

Jikkonferma ukoll li kien talab lill-attur sabiex jixtri xi spare parts tal-karozzi mill-Inghilterra mill-Euro Carparts u kien talabhom €4600 halli jkolli bizzejjed flus biex ikopri l-ispejjez. Izda, l-attur ma kienx tah ircevuta meta infurmah li kien nefaq €1700 u minkejja li talbu kemm il-darba qatt ma tah lura l-bilanc. Il-konvenuta wara hafna zmien kienet qaltlu li kienet sabet l-ircevuta u l-attur kien qabadha minn ghonqha u qalli biex ma tikxfux.

**12.** **Reuben Bonnici** in rapprezentanza tal-Arms Limited ighid li ma sabx kontijiet fir-rigward ttal-fond "Carradale," Triq Sant'antin Abbati, Mosta.

Ipprezenta l-kontijiet tal-fond "Aurora," Trqi sant';Antin, Mosta bejn is-6 ta' Dicembru, 2014 sas-27 ta' Lulju, 2017.[31] Il-kont inghalaq fis-27 ta' Lulju, 2017 u kien ighajjat lill-konvenuta.

[31] Dok. RBIX.

Ipprezenta ukoll prospett tal-kont li jinkorpora fih il-kontijiet kollha sakemm inghalaq,[32] l-estratti tal-pagamenti li saru[33]

**13.** **Theresa Sammut** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal li pprezentat lista ta' proceduri fil-Qorti tal-Familja[34], kopja legali tac-cedola 51/2016[35] u kopja legali ta' mandat ta' sekwestru 100/2016, li m'ghadux *in vigore*.[36]

**14.** **Noelene Mangion** in rapprezentanza ta' Me Direct fil-kariga ta' Senior Manager tikkonferma li l-partijiet huma klijenti taghhom u fethu kont kongunt fit-2 ta' Frar, 2012. Meta fethu l-kont il-bank kien jissejjah Mediterranean Bank. Il-kont kien fixed deposit ghal erba' snin u kien "any to sign.

Dan il-kont li jgib in-numru M631531AB immatura fit-2 ta' Frar, 2016 u dan inghalaq u awtomatikament infetah kont savings bin-numru M63153AA. [37]

Meta nfetah il-kont *fixed*, il-konjugi Borg kienu pprezentaw cekk mahrug mill-kont kongunt tal-HSBC.[38]

[32] Dok. RB 2 X
[33] Dok. RB 3 X
[34] Dok. TS 1 – TS 4
[35] Dok. TS 5
[36] Dok. TS 6
[37] Doks. NM 1 u NM 2 – NM 15.
[38] Dok. NM 16

Tikkonferma ukoll li l-attur gibed il-kapital ta' €50, 000 fl-4 ta' Frar, 2016[39] u dan wara li kien tahom struzzjonijiet biex il-kapital jigi trasferit go kont f'isem l-attur mal-Bank of Valletta plc.[40] Dina s-somma giet trasferita fil-kont MT24VALL 22013000000015302531013. Tikkonferma li kellhom prokura tal-konvenuta favur missierha.

Dwar transazzjoni li saret fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn thallset is-somma ta' €184.81 u giet trasferita fil-kont ta' G. Farrugia. F'Mejju, 2015, l-attur ghamel talba sabiex jigbed il-flus ghalkemm ma kienx ghadu mmatura l-kont u rrifjutaw da parti taghhom peress li kellhom bzonn il-kunsens tal-konvenuta.

## Konsiderazzjonijiet

## Responsabbilita'

Illi l-attur qed jaddebita l-htija ta' separazzjoni lill-konvenuta minhabba ingurji, eccessi, sevizzi u anke abbandun kommessi da parti taghha. Fil-kawza fl-ismijiet **JZ noe. Vs DB Rik. Nru. 86/2016,** li miexja ma' dina l-kawza, l-attur nomine (ghan-nom tal-

[40] Dok. NM 17

konvenuta) addebita l-htija tat-tifrik taz-zwieg lill-konvenut u dan minhabba li rrenda ruhu hati ta' vjolenza, swat, theddid, ingurji, sevizzi u minacci, tant li dawn irrendew il-hajja matrimonjali impossibbli.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali

li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-
***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll***

***psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi***
***jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

L-attur jattribwixxi l-problemi fiz-zwieg taghhom primarjament minhabba li jhoss li l-konvenuta dahket bih meta nefaq u investa ammont sostanzjali fid-dar matrimonjali.

L-attur identifika zewg problem magguri fiz-zwieg taghhom, primarjament li hu kien jistinka hafna u kien jahdem hinijiet twal bil-karozza tal-linja. Madanakollu, jghid li l-konvenuta kienet persuna kapriccuza u kienet thobb tonfoq u fl-istess waqt kienet dejjem tinsisti li ghandha tahdem biss *part-time.* Fix-xhieda taghha hi stess tammetti li sakemm l-attur dam jahdem bil-karozza tal-linja kienu jghixu komdi hafna.

Fil-fatt, il-konvenuta tikkonferma li r-raguni li ddecidew, fuq insistenza taghha li jemigraw lejn l-Inghilterra kienet wara li l-Gvern ha lura l-karozzi tal-linja taghhom u kkumpensawh. Il-konvenuta bdiet tilmenta li l-finanzi kienu naqsu u ma kinux qed ighixu l-istess livell tal-hajja. Irrispettivament minn dan kollu, l-attur jishaq li l-konvenuta baqghet tonfoq u kien difficli biex ilahhqu minhabba l-gholi tal-hajja l-Inghilterra, kif ukoll kellhom il-kera xi jhallsu.

Jinsisti li l-qofol tal-problemi finanzjarji waslu fil-quccata taghhom meta sar jaf li l-konvenuta kienet gibdet xi flus mill-kontijiet bankarji taghhom, kif ukoll sab li ma kienx hemm iktar fondi fil-kont li kien qed jiehu hsieb missier il-konvenuta, fejn suppost kellu jiddeposita l-kera tal-fond matrimonjali u dan fil-fehma tieghu ma kienx qed isir.

Il-konvenuta, kif ukoll missierha JZ jinnegaw dan il-fatt u ghalkemm it-tnejn jammettu li kien hemm xi kera li ma gietx depositata peress li l-konvenuta kienet talbitu xi flus, kif ukoll kien hemm kwistjoni ma'

hu l-konvenuta li kien ordna xi *spare parts* mill-Inghilterra, li xtara l-attur u qatt ma rrifonda l-bilanc, sakemm missier il-konvenuta, sabiex jevita l-inkwiet rega' ddeposita dan l-istess bilanc li kien zamm. Missier il-konvenuta ukoll ipoggi l-verzjoni tal-attur fid-dubbju peress li jinsisti li kien l-attur li kemm il-darba kien jigi Malta kien jitolbu jghaddilu direttament il-kera, jew kien ighidlu jzomm mill-flus tal-kera l-ispejjes ghall-manutenzjoni jew sahansitra jhallaslu xi multa.

Il-konvenuta tammetti ukoll li kienet hadet xi flus u dan ghamlitu peress li ukoll kellha bzonn tghix. In sostenn ta' dan tirrileva li l-attur fl-istess mod, kien qabad u sarraf Lm50, 000 li kienu ddepositati mal-Mediterranean Bank u kien minhabba li ma kienx hemm il-kunsens tal-konvenuta, dan l-ammont ma setax jigi rtirat u trasferit kif kien talabhom l-attur.

Problema ohra li kien jara l-attur kien li l-konvenuta ma kinitx tirrispetta lill-familjari tieghu u dejjem kienet tipprova tfirdu minn mal-familjari tieghu. Dan huwa kkonfermat biss mill-genituri tieghu, kif ukoll minn ohtu  DV , li tikkorrobora l-verzjoni taghhom meta tinsisti li kull meta kienu jiltaqghu l-Hadd ghand il-genituri taghhom, il-konvenuta kien dejjem jirnexxielha ggelidhom. Oltre minn hekk tishaq li l-konvenuta qatt ma kienet tipprova thalli lil uliedhom jiffrekwentaw lil xulxin bhala kugini.

In kwantu jirrigwarda l-htija tal-attur, il-konvenuta tibbaza hafna mill-provi fuq vjolenza domestika u tinsisti li kien hemm diversi okkazzjonjiet fejn l-attur kien refa' idejh fuqha u kemm hi kif ukoll binha kienu jghixu fi biza kbira. Issemmi l-fatt li meta t-tifel kellu

sentejn, l-attur kien idum barra u jekk kienet tigbidlu l-attenzjoni kienu jispiccaw jitlewmu u jsir aggressiv.

Hija haga stramba li filwaqt li l-genituri tal-konvenuta jsemmu incident fejn it-tifel tal-partijiet W kien cemplilhom sabiex imorru sad-dar u kien mar missier il-konvenuta meta nduna li t-tifel kien imbikkem. Hemm sab lill-konvenuta b'xagharha mhabbel, kif ukoll tibki u hemm fethet qalbha mieghu li l-attur kien refa' idejh fuqha, tant li kien ghamel ghall-attur u widdbu sabiex ma jergax jaghmilha.

Il-konvenuta tammetti li qatt ma ghamlet rapporti lill-pulizija peress li kienet tibza' minnu u li dan kien iwassal biex jaggrava s-sitwazzjoni. L-uniku incident li jista' jigi kkonfermat huwa l-incident li sehh l-Inghilterra bejnitehom, tant li l-konvenuta spiccat li kellha taghmel rapport ghand il-pulizija u l-attur gie arrestrat in segwitu ghal tali rapport. Wara dan l-incident, l-attur gie ordnat sabiex ma jersaqx kemm lejn il-konvenuta kif ukoll lejn ibnu u kien biss wara li W talab li jara lil missieru, li l-konvenuta talbet li l-ordni titwaqqaf fil-konfront tat-tifel.

L-attur kien instab hati u wehel multa, minkejja li l-verzjonijiet ta' dan l-incident tal-partijiet ivarjaw ghaliex ghall-konvenuta, l-attur kien qed isegwija u saq ghall-fuqha, filwaqt li ghall-attur ir-raguni kienet li l-konvenuta riedet tmur tara xi tigrijiet taz-zwiemel u riedet thalli t-tifel, li dak iz-zmien kellu erbatax-il sena wahdu u hu oppona. Hi li hi l-verzjoni reali, jibqa' l-fatt li xejn ma jiggustifika atti ta' vjolenza, u hadd m'ghandu dritt isawwat lil hadd.

**Adulterju**

**<u>Il-Ligi</u>**

F'diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti stabbilit li bhala aggravju tas-separazzjoni sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li "jigi ppruvat permezz ta' ndizji u prezunzjonijiet purche' jkunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."[41]

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi "***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

"… ***l-Qorti hija konvinta dwar dan, li dak li primarjament wassal ghall-firda bejn il-partijiet kienet l-attitudini tal-konvenut li kien hati verso l-attrici ta' eccessi, mohqrija u sevizzi, u hawn l-istess Qorti taqbel ma' dak li qalet il-perit legali limitatament ghal dan ir-rigward u cjoe' li mill-provi prodotti jirrizulta li "ma kienx l-adulterju tal-attrici kien li farrak iz-zwieg. Iz-zwieg kien gja' tkisser irremedjabilment. L-esponenti ma tarax li ghandha titfa' l-htija tas-separazzjoni fuq l-adulterju tal-[42]attrici (ara "Xuereb utrinque" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 t' April 1991)."***

Il-konvenuta ukoll tallega li kien hemm adulterju kommess da parti tal-attur ma' GF u dan wara li kienet indunat li kien qed jintbatu diversi messaggi bejniethom. L-attur jammetti li prezentement

[41] Rita Schembri vs Dot. Albert Grech et.noe.
[42] Cauchi vs Cauchi 02/10/2003

qieghed f’relazzjoni ma’ G  u ghandu tifel minghandha, izda jichad li kien ikkommetta adulterju u kien beda relazzjoni maghha hawn Malta wara li kien telaq mill-Inghilterra, minkejja li kien jafha qabel.

Il-konvenuta tispjega li ma setghetx tressaq dawn il-messaggi bhala provi peress li sadanittant kienu telqu lejn l-Inghilterra bit-tama li jirrangaw l-affarijiet bejniethom. L-unika prova hija trasferiment ta’ circa €184 li saru mill-attur lil  GF . L-adulterju biex jigi ppruvat jirrikjedi indizji u prezunzjonijiet gravi u dawn imkien ma jirrizultaw mill-assjem tal-provi. Inoltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm adulterju, certament mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-istess adulterju kien wassal ghas-separazzjoni bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, in bazi tac-cirkostanzi, dina l-Qorti taqbel ma’ dak irrakkomandat mill-Perit Legali Dr. Richard Sladden li terz tal-htija hija tal-konvenuta minhabba li rrendiet ruhha hatja ta’ eccessi, filwaqt li zewg terzi hija htija tal-attur li rrenda ruhu hati ta’ sevizzi u eccessi.

**Manteniment ghat-tifel**

Fil-mori tal-proceduri, wild il-partijiet  WB   sar maggorenni u llum ghandu 25 sena u ghaldaqstant jahdem u ghalhekk m’ghadx lok li l-Qorti tikkunsidra t-talbiet relattivi gialdarba dawn gew ezawriti. Fil-fatt, il-partijiet ntavolaw nota konguntiva f’dan ir-rigward.

**Manteniment ghall-konvenuta**

Il-konvenuta qed tippretendi li l-attur ighaddilha manteniment ghaliha u in sostenn ta' dan tghid li l-posizzjoni finanzjarja taghha mhix wahda tajba, ghax il-paga taghha hija wahda minima. Il-konvenuta xehdet li dejjem hadmet *part-time* u kienet biss ippruvat tfittex xoghol *full-time* meta l-attur telaqha u rritorna lura Malta. Sa dak iz-zmien kienet tahdem bhala hajjata l-Inghilterra u meta kienet qed tfittex impjieg iehor kienu ziedulha l-hinijiet u ghaldaqstant il-paga.

Il-konvenuta qed tiggustifika ukoll li l-attur ghandu jkun obbligat li jghaddilha l-manteniment stante l-fatt li t-tifrik taz-zwieg huwa tort unikament tal-attur u halliha l-Inghilterra wahedha u trabbi lil binhom.

Madanakollu, l-Qorti tikkunsidra li in kwantu t-talbiet ta' manteniment dejjem ghandha tikkunsidra l-mezzi tal-persuna li minnha qed tintalab il-manteniment u anke l-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob manteniment. Il-konvenuta hija persuna li ghandha kull kapacita' lavorattiva, it-tifel W huwa maggorenni u jahdem u ghalhekk kapaci ukoll imantni lilu nnifssu u ma tezisti ebda raguni li tiggustifika li l-attur ghandu jmantni lill-konvenuta.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

**<u>Vetturi</u>**

L-attur jikkontendi li fil-prezent hu ghandu biss vettura wahda fit-triq u cioe' Volkswagen Passat Highline TDI 130 bin-numru ta'

registrazzjoni WYL 820 u dan huwa kkonfermat minn Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta. Inoltre, l-attur jikkonferma li l-konvenuta qed tuza' Peugeot 405 l-Inghilterra u ma joggezzjonax li dina ghandha tigi assenjata lilha. Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien hadilha l-karozza mill-Inghilterra u jekk hu l-kaz, l-attur ghandu jirrifondilha l-valur ta' dina l-vettura.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta tishaq li l-attur kien xtara diversi vetturi u kien bieghhom, izda ma setax jiftakar ghal kemm bieghhom.[43] Kien hemm Ford Focus b'numru ta' registrazzjoni FBW 165 li l-attur ighid li bieghha lill-gara tieghu fl-Inghilterra ghas-somma ta' 1000 sterlina (€1169.78) sabiex isalda d-dejn li kellu maghha.

Tul iz-zwieg, il-konvenuta ddentifikat li l-attur kien xtara Volkswagen Golf b'numru ta' registrazzjoni LAD 182 u bhala sehemha qed tippretendi €1,500, is-somma ta' €584.89 bhala sehemha mill-vettura Ford Focus b'numru ta' registrazzjoni FBW 145, u s-somma ta' €4,000 bhala sehemha mill-vettura BMW series b'numru ta' registrazzjoni WAL 820, b'total ta' €6,084.89.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenuta ghandha dritt biss ghal-sehemha mill-vettura Ford Focus, stante li l-attur taha lill-gara tieghu qabel ma telaq mill-Inghilterra u dan ad insaputa tal-konvenuta u peress li kellu dejn maghha. Dwar il-BMW Series dina nxtrat fiz-zwieg u qabel ma telghu l-Inghilterra nbieghet u ghalhekk l-istess flus certament intuzaw sabiex jemigraw u jissetiljaw l-Inghilterra u ghalhekk ma

[43] Ara Dok. KC 1 u KC 2

jistax ikun hemm pretensjoni f'dan is-sens. L-istess il-vettura Volkswagen Golf kien bieghha sabiex xtara l-BMW u dan kienu waqt iz-zwieg sabiex jakkwistaw vettura ohra u fil-fatt xtara l-BMW.

**<u>Kontijiet Bankarji</u>**

**<u>F'isem l-attur</u>**

**A. <u>Is-somma ta' €50,000</u>**

Il-konvenuta xehdet li fl-4 ta' Frar, 2016, l-attur kien iddeposita s-somma ta' €50,000 li kien gibed mill-Mediterranean Bank (MeBank) fil-kont numru 15302531013 minghajr ma ottjena l-kunsens tal-konvenuta. Ghalkemm l-attur ammetta li gibed dina s-somma izda jinnega li kien hadhom sabiex jixtri vettura u jinsisti minflok li kien uzahom sabiex ihallas id-dejn tal-konvenuta bhal loans mal-HSBC u dan minhabba li kienet harget mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu, kif ukoll sabiex ihallsu t-taxxi li kellhom.

Kien hemm diversi withdrawals ohra li ghamel l-attur minn dan il-kont li huma s-segwenti:-

i) Withdrawal ta' €20,000 fejn jinghad li biex jixtri vettura mill-Inghilterra. Fuq dan hemm verzjonijiet kuntrastanti u l-attur jammetti li kien ha dawn il-flus, izda mhux biex jixtri karozza, izda jghid biex isalda xi dejn tal-konvenuta, liema dejn ma gabx provi taghhom.
ii) Gbir ta' €795.86 lil Sykes Cottages, rapprezentanti hlas ta' meta siefer ghall-birthday ta' binhom W

iii) Diversi withdrawals ta' €500 li l-attur jallega kienu sabiex ihallas id-dejn tal-konvenuta;

iv) Fid-19 ta' Frar, 2016 l-attur jikkonferma li gibed is-somma ta' €10,022.05 biex investihom go Ads ma' broker l-Inghilterra jew Dubai, izda jammetti li dan kien frodi u kienu spiccaw hela ta' flus;

v) L-istess ammont ta' €5,115.34 l-attur jahseb li kien investiment li mar hazin;

vi) €130.35 multa li tatu l-Qorti minhabba incident li kellu mal-konvenuta.

Il-konvenuta kienet harget mandat ta' sekwestru in segwitu ghall-izbankar tas-somma ta' €50,000 fejn lahqu ntefqu u gew iddepositati biss is-somma ta' €6,375.38.

Il-konvenuta qed tippretendi li tircievi sehemha mill-ammont ta' €50,000 u ghalhekk **€25,000.** L-attur qed jinsisti li din is-somma rceviha minghand il-Gvern, bhala parti minn somma akbar li nghatatilhom bhala kumpens meta ittrasferixxa l-istess karozza tal-linja bhala parti mill-ftehim u ghalhekk hija parafernali u m'ghandu ebda obbligu li jirrifondi lill-konvenuta sehemha mill-istess somma. Jinsisti ukoll li ghandu jigi rifuz lilu s-somma ta' €6,375.38 li gew iddepozitati mill-Bank il-Qorti in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru mahrug mill-konvenuta.

B. **<u>Is-somma ta' €25,880.25</u>**

L-attur qed jinsisti li jigu rifuz ukoll dina s-somma u dan wara li thallsu loan repayments ghall-perjodu bejn it-8 ta' Marzu, 2012 u t-28 ta' Dicembru, 2016 fis-somma komplessiva ta' €38,135.52.

Minn dan il-kont kien ghad hemm €25,880.25 li kienu l-bilanc li fadal mis-somma akbar u cioe' €75,880.25, peress li €50,000 gew iddepositati mal-Mediterranean Bank u ghalhekk l-attur qed jippretendi ukoll li jigi rifuz dina s-somma stante li dawn marru ghall-hlasijiet tal-loans numru 18030327 u 16055385 fuq id-dar konjugali proprjeta' tal-komunjoni.

C. **<u>Flus li dahlu fil-kont tal-konvenuta</u>**

L-attur jinsisti li mis-somma li ha mill-Gvern bhala kumpens ghat-trasferiment tal-karozza tal-linja, l-ammonti ta' **€9,270 u €18,540 = €27,810** kienu gew iddepositati fil-kont tal-konvenuta li jgib in-numru 068032705050. Hemm qbil li parti minn dawn il-flejjes intuzaw sabiex jithallsu l-loans tad-dar li b'total jammontaw ghal **€12,255.27** u l-konvenuta tammetti hija stess li kienet gibdet xi flus pero' dawn ma kinux jammontaw ghall-ammonti kbar, izda l-attur qed jippretendi li dawn jammontaw ghal **€15,554.73** (€27,810 - €12,255.27).

Ghalhekk l-attur qed jippretendi li jithallas lura it-total ta' **€27, 810.**

Ghalhekk, jirrizulta li l-attur qed jippretendi li jithallas is-somma ta' €60,065.63 bhala ekwiparazzjoni (bilanc minn €103,690.25 naqqas €43,624,62 somma li kien diga' ha) minghand il-konvenuta u dan stante li dina s-somma hija parafernali ghalih.

In sostenn ta' dan, l-attur jiccita s-sentenza **AB vs CB Rik. Nru. 284/2016** deciza fil-25 ta' Frar, 2021 fejn ic-cirkostanzi huma simili u l-Qorti rriteniet hekk:-

*“hija moralment konvinta li s-somma mhallsa ex gratia fil-kaz odjern ghar-rinunzja in kwistjoni, m’ghandhiex tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda tkun ikkunsidrata parti mill-assi parafernali tal-konvenut stante li hija somma derivanti minn proprjeta’ parafernali tieghu. B’mod soddisfacenti gie ppruvat lil Qorti illi l-konvenut beda dan il-mestier qabel ma zzewweg lill-attrici.”*

*Il-Qorti ziedet tghid ukoll illi “Ghaldaqstant jidher car illi l-konvenut irrinunzja l-licenzja u trasferixxa x-xarabank favur l-Awtorita’ ghat-Trasport u l-Gvern ta’ Malta, bil-konsegwenza li x-xoghol tieghu gie terminat, izda gie kkumpensat b’offerta ex gratia ta’ €103, 000. Dan ifisser li tali rinunzja ta’ licenzja u trasferiment ta’ xarabank, ma kinuex semplicement ghazla da parti tal-konvenut li jwaqqaf xogholu, izda kien qieghed jippriva ruhu li jkompli b’dan il-mestier u dan ghar-ragunijiet elenkati fl-imsemmija skrittura privata, ghal liema prevjazzjoni l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta u l-Gvern ta’ Malta kienu lesti li jhallsuh u jikkompensawh b’somma ta’ €103, 661.89 kif fil-fatt gara.”*

Il-konvenuta da parti taghha tikkontendi li dawn il-flus jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti in segwitu ghall-fatt li mhix konvinta li l-karozza tal-linja nxtrat minghand missier l-attur qabel iz-zwieg, ghalkemm l-avukat tieghu kien infurmaha li kien inxtara qabel iz-zwieg ghall-valur ta’ Lm8000 u dan fis-17 ta’ Ottubru, 1997. Il-konvenuta inoltre tikkontendi li l-verzjoni taghha hija dik vertiera stante li mid-dokumentazzjoni li esebit Transport Malta (Dok. KC 2), ix-xarabank inxtara u gie trasferit f’ismu minn Transport Malta fl-24 ta’ Gunju, 2002 u cioe’ fiz-zwieg u mhux qabel, [44] sakemm

[44] Ara Dok. KC 2 a fol. 133 tal-process

imbaghad gie ttrasferit ghand Trasport Malta skond kuntratt li sehh mal-attur fit-28 ta' Jannar, 2010.[45]

Dina l-Qorti taqbel li l-verzjoni tal-konvenuta hija dik l-iktar veritiera u konvincenti, li l-istess xarabank giet trasferita fuq l-attur fiz-zwieg u ghaldaqstant, il-kumpens sabiex tigi rrtirata l-licenzja u trasferiment lill-Awtorita' tal-karozza tal-linja f'data li kellha tigi stabbilita mill-Gvern, ma taqbilx mal-gurisprudenza fuq citata.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra li hafna mill-flejjes li gew minn dan il-kumpens intuzaw sabiex jithallsu l-loans ezistenti. Inoltre, flejjes li kienu depositati fil-kont personali tal-konvenuta ntuzaw ghall-hajja ta' kuljum u anke sabiex jitkomplew jithallsu l-loans. Jibqa' ghalhekk il-€50,000 li zbanka l-attur, precisament l-ammont ta' €43,624.62, li minnhom il-konvenuta ghandha dritt ghal sehemha u cioe' zewg terzi (minhabba t-terz ta' responsabbilita') ta' dan l-ammont, kif ukoll zewg terzi tal-ammont li gie ddepositat il-Qorti, in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru mahrug mill-konvenuta, u cioe' s-somma ta' €6,375.38. **<u>Ghalhekk, il-konvenuta ghandha tinghata s-somma ta' €33,333 li huma zewg terzi ta' €50,000.</u>**

**<u>Xarabank b'numru ta' registrazzjoni EBY 640</u>**

Hemm verzjonijiet kontrastanti rigward dina l-karozza tal-linja. Ghall-attur dina l-vettura qatt ma kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti peress li kienet tappartjeni lill-missieru DMB. Il-konvenuta f'dan ir-rigward ma kinitx konsistenti fix-xhieda taghha ghax f'mumenti tghid li huma kienu xtraw dan ix-xarabank u kien sar kuntratt bejniehtom u l-genituri tal-attur

[45] Dok. KC 6 a fol. 149

fis-6 ta' Marzu, 2007 sabiex l-istess xarabank jigi akkwistat minnhom u fl-istess hin ammettiet li dan ix-xarabank jappartjeni lil missier l-attur. Fil-fatt, saret skrittura privata fis-27 ta' Frar, 2007 ghall-bejgh tax-xarabank ghall-valur ta' Lm55,000.[46] Regghet saret skrittura ohra fis-6 ta' Marzu, 2007 fuq l-istess xarabank fejn il-valur kien tnaqqas ghal Lm27,000.[47]

Il-konvenuta tikkontendi ukoll li meta xtraw it-trukk EBY 640 minghand missier l-attur, kienu hallsuh Lm20,000. Fid-29 ta' Marzu, 2007 kienu hadu loan mill-HSBC (kont numru 108303327) fl-ammont ta' Lm10,000, li minnhom kienu hallsu Lm7,000 lil missier l-attur u dan ghalhekk jirrizulta li kien wara li saret l-iskrittura.

L-attur jikkontendi li dan ix-xarabank dejjem kien u ghadu ta' missieru DMB u li minkejja li gew murija kuntratt fejn kien hemm qbil dwar l-akkwist ta' dan ix-xarabank, kemm l-attur kif ukoll missieru jirribattu li qatt ma gew trasferiti flus minkejja li hemm hekk stipulat.

Ghalhekk il-verzjoni ta' missier l-attur DMB hija dik l-iktar wahda verosimili in kwantu jammetti li kienu saru dawn l-iskritturi, izda l-attur qatt ma wasal sabiex ihallsu u ghalhekk kienu ha lura l-istess xarabank. Dan hu kkonfermat mill-iskrittura datata 2 ta' Lulju, 2008 fejn ix-xarabank rega' nbiegh lura lill-genituri tal-attur.[48]

Biex iktar tissahhah l-verzjoni ta' missier l-attur, Steven Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta jikkonferma li dan ix-xarabank li jgib in-numru ta' registrazzjoni EBY 640 jappartjeni lil DMB u ilu jghajjat lilu

---

[46] Dok. C anness fir-xhieda migbura mill-Perit Legali
[47] Dok. D anness fix-xhieda migbura mill-Perit Legali
[48] Dok. E anness fix-xhieda migbura mill-Perit Legali.

bejn il-25 ta' Novembru, 2003 u l-4 ta' Ottubru, 2011. Wara dina d-data, ix-xarabank gie trasferit lil Transport Malta.

Ghaldaqstant, il-pretenzjoni tal-konvenuta li tiehu lura sehemha mill-Lm20,000 ma tirrizultax.

**Assi ohra**

Fir-rapport tieghu l-Perit Legali ghamel referenza ghal diversi flejjes li fil-fehma tieghu hadet il-konvenuta li jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Somma ta' €15,000 li kellhom f'kont kongunt mal-HSBC li gie zvojtat
ii) Somma ta' €18,232 li l-attur ighid li ngibdu mill-kontijiet tieghu u dan meta kien biss missier il-konvenut li kellu access ghalihom
iii) Somma ta' €500 kirja li missier il-konvenuta ma kienx iddeposita.

Fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur ma jaghmel ebda referenza ghal dawn il-flejjes, ghajr li kien hemm xi flus li hadet il-konvenuta mill-kumpens li rceiva mat-trasferiment tax-xarabank DBU 572 u l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuqhom. Inoltre, gie stabbilit ukoll li missier il-konvenuta kellu prokura sabiex jigbor il-kera u jpoggihom fil-loan account tal-partijiet sabiex jigu saldati l-loans li kellhom. Missier il-konvenuta jammetti ukoll li l-partijet kienu jitolbuh anke biex izomm xi kirjiet meta kien mehtieg li jaghmel manutenzjoni tad-dar matrimonjali. L-istess missier tal-konvenuta JZ jikkontendi li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta gieli talbuh biex ighaddilhom il-kera u kien jaghmel hekk, minkejja li meta l-attur kien gie Malta meta nfurmawhom li ma kienx ghad fadal flus fil-kont bankarju

sabiex jithallas il-loan, kien beda jinsisti li jghaddilu diversi kirijiet u kien wissih li ma kienx ser ikun hemm flus sabiex jithallsu l-loans.

Kien hemm ukoll pika peress li hu l-konvenuta kien talab lill-attur sabiex jixtrilu xi *spare parts* mill-Inghilterra u qatt ma rrifonda l-bilanc. Madanakollu, missier il-konvenuta JZ jikkonferma li sabiex jevita inkwiet bejn il-partijiet kien iddeposita l-ammont li kien zamm a saldu ta' dawn il-flus.

Ghalhekk, ghall-Qorti, l-attur ma kienx jaqbillu jqajjem dawn il-kwistjonijiet u ghalhekk mhix ser tikkunsidra dak irrakkomandant mill-Perit Legali.

**<u>Kontijiet bankarji</u>**

L-unici kontijiet bankarji li ghadhom miftuha ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet. Il-konvenuta ndikat bhala tali l-kontijiet bankarji Dokumenti AMB 5 u AMB 6.

Il-konvenuta ukoll ressqet provi li kienet gibdet somma flus fl-ammont ta' €1,266 f'Marzu, 2015 u dan wara li l-attur kien gibed is-somma ta' €1,850 minn dan il-kont. Jirrizulta ukoll li l-attur kien gibed ammont ta' €184.81 biex jiddepositahom fil-kont tal-partner tieghu GF .

Fuq dawn il-krediti, l-attur ma ressaqx provi sabiex jirribatti dina l-allegazzjoni u **<u>ghalhekk il-Qorti tikkonferma li l-attur huwa debitur tal-konvenuta fis-somma ta' €2,038.68.</u>**

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

Fil-mori tal-kawza, il-partijiet bieghu d-dar matrimonjali u minhabba nuqqas ta’ qbil dwar ir-rikavat, qablu li tali rikavat ghandu jigi ddepozitat parti l-bank f’kont *both to sign* u parti ohra l-Qorti, stante li kien hemm mandat ta’ sekwestru.

Il-konvenuta identifikat dawn is-somom fis-segwenti mod:-

a) Is-somma ta’ €91,229.02 cedola numru 113/2017 wara li gie ntavolat mandat ta’ sekwestru mill-konvenuta bin-numru 100/2016
b) Is-somma ta’ €31,341.48 gol-BOV account numru 40024842822.

It-total ghalhekk jammonta ghal €122,570.50. Il-Qorti taqbel ma’ dak propost mill-konvenuta u cioe’ li minn dina s-somma l-ewwel ghandhom jithallsu l-ispejjez ghall-izbank taghhom, kif ukoll il-krediti dovuti lill-konvenuta mill-attur ghandhom jitnaqqsu mill-istess somma u r-rimanenti bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, wara li jinqatghu xi loans li jistghu ghadhom ikunu ezistenti.

**<u>Rapport tal-Perit Legali</u>**

Dina l-Qorti tixtieq tinnota li apparti dak suespost u deciz, ma tistax issegwi r-rapport tal-perit legali, stante li ma jikkunsidrax b’mod akkurat dak li qed jigi likwidat u assenjat fil-komunjoni. Ma jsemmi xejn dwar il-bejgh tad-dar matrimonjali u li dina nbieghet u ghad hemm il-fondi depositati mal-bank, kif ukoll mal-Qorti.

Jelenka diversi depositi li saru fil-kontijiet tal-HSBC minghajr ma jispjega ghal liema skop qed jigu elenkati u l-istess ghamel fil-konfront tal-attur u d-depoziti u *withdrawals* li ghamel fil-kont tal-BOV.

Inoltre, stabilixxa s-somom li ha l-attur u dak li skond hu hadet il-konvenuta u wasal ghal dak li huwa dovut lill-konvenuta u cioe' differenza ta' €16,268. Kif u come l-Perit Legali wasal ghal dina s-somma, meta l-istess attur lanqas biss jallega li kien hemm dan il-gbir ta' €18,232 u li qed jippretendi li jithallsu lura mill-konvenuta. Effettivament l-attur kien iktar preciz fil-kontijiet u kalkulazzjonijiet tieghu u kif inqasam il-kumpens li rcieva ghat-trasferiment tax-xarabank u l-licenzja tal-istess. Kwazi kwazi, il-konvenuta taqbel mal-attur in kwantu jirrigwarda l-ammonti ta' kif is-somma ta' €103,000 giet maqsuma u x'gibdet, iktar milli qed jaqblu mal-Perit Legali, anke ghax il-Qorti mhux obbligata li ssegwi.

**<u>Divorzju</u>**

Illi b'rikors tal-11 ta' Frar, 2022, l-attur ressaq talba ghall-konverzjoni tat-talba ghas-separazzjoni ghal dik ta' divorzju u jirrizulta li l-konvenuta mhux qed topponi ghall-istess.

Illi jirrizulta li l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal iktar minn erba' snin u apparti minn hekk l-attur qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra u ma jirrizultax li hemm cans ta' rikonciljazzjoni. Inoltre, ma kienx hemm ordni ghall-hlas ta' manteniment lejn l-konvenuta, kif ukoll binhom huwa maggorenni u jahdem u ghalhekk kapaci jmantni lilu nnifsu.

Ghaldaqstant, in vizta ta' dan jirrizulta li r-rekwiziti sabiex dina l-Qorti tawtorizza l-hall taz-zwieg gew soddisfatti u konsegwentement ghandha tintlaqa' t-talba ghad-divorzju kif rikjest mill-attur.

**Dekadenza**

L-applikazzjoni tal-Artikoli 48, 51 sa 61 hija mandatorja fil-kaz li jirrizultaw l-estremi ta' abbandun u/jew adulterju, filwaqt li hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-estremi l-ohra. Fid-dawl tac-cirkostanzi, peress li kien hemm dizgwid miz-zewg partijiet, minkejja b'tortijiet ta' livell differenti, il-Qorti ma thossx li l-estremi huma tali li jirrikjedu l-applikazzjoni tad-dekadenza fil-konfront ta' kull parti rispettivament.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba in parte u tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi tant li ghandha terz tat-tort u htija li kkontribwew ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg.
2. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tat-tieni, tielet u r-raba' talba, stante li llum binhom huwa maggorenni.
3. Tichad il-hames talba attrici, stante li ma jezistux l-estremi ghall-applikazzjoni tal-artikoli relatati mad-dekadenza.

4. Tilqa' s-sitt talba attrici u xxolji u ttermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwidaha skond kif gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti" iktar 'l fuq.
5. Tichad is-seba' talba attrici skond ma giex deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti,"
6. Tilqa' t-tmien talba attrici sa fejn applikabbli u skond ma gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."
7. Tilqa' d-disa' u ghaxar talba attrici sa fejn applikabbli u skond ma gie deciz iktar 'l fuq.
8. Tichad l-hdax-il talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenuta.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**